MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (GHAWDEX) GURISDIZZJONI SUPERJURI

## MAGISTRAT DR. PAUL COPPINI

Seduta tat-2 ta' Gunju, 2005

Citazzjoni Numru. 104/2000/1

Maria mart John Vassallo u l-istess John Vassallo .
vs

Manuel Spiteri .

Il-Qorti ,

PRELIMINARI

Rat iċ-ċitazzjoni li permezz tagħha l-atturi, wara li ppremettew :

Illi fl-erbatax (14) ta' April elf disa' mija u disgħa u disgħin (1999) għal xi d-disgħa neqsin għoxrin ta' fil-għodu (8.40 am) waqt li l-attriċi kienet qegħda taqsam Triq Fortunato Mizzi, Victoria, minn fuq il-pedestrian crossing, hija sfat imtajra minn motor omnibus bin-numru FBY – 017 li kienet misjuqa mill-konvenut – kopja tar-rapport tal-Pulizija u skizz tal-inċident annessi u markati A u B rispettivament ;

Illi kawża ta' dan l-inċident l-attriċi sofriet ġrieħi ta' natura gravi u permanenti f'rasha li għadha tbati mill-effett tagħhom sal-lum;

Illi l-effetti ta' dawn il-ġrieħi subiti mill-attriċi f'rasha jikkonsistu b'mejt u stordamenti, uġiegħ ta' rasijiet kontinwi, u ġiet affettwata wkoll il-memorja tagħha billi bdiet tinsa spiss u tirrepeti l-istess ħaġa aktar minn darba, u wara l-inċident waqgħet ukoll f'depressjoni qawwija li għadha tieħu kura għaliha sal-lum ;

Illi minkejja li l-konvenut ġie nterpellat sabiex jersaq għall-likwidazzjoni u ħlas tad-danni li ġew sofferti mill-attriċi, huwa baqa' inadempjenti .

Talbu lill-konvenut jgħid għaliex m'għandhiex din il-Qorti :

1. Tiddikjara lilek Manwel Spiteri responsabbli għall-inċident stradali fuq imsemmi li fih ġiet imtajra l-attriċi minnek waqt li kienet qegħda taqsam Triq Fortunato Mizzi, Victoria, minn fuq il-pedestrian crossing ;

2. Tillikwida d-danni kollha li ġew sofferti minnha kawża tal-ġrieħi gravi u permanenti li soffriet f'rasha, u dak id-danni emerġenti u lukri ċessanti li jirriżultaw fil-kors tal-kawża ;

3. Tikkundanna lilek konvenut sabiex tħallas lill-atturi d-danni kollha hekk likwidati .

Bl-ispejjeż inklużi tal-ittra uffiċjali tal-11 ta' Mejju 1999, u bl-inġunzjoni tal-konvenut għas-subizzjoni li għaliha minn issa jinsab imħarrek .

Rat id-dikjarazzjoni tal-fatti ta' l-atturi kkonfermata bil-ġurament ta' Maria Vassallo .

Rat in-nota ta' l-eċċezzjonijiet tal-konvenut li biha eċċepixxa :

1. Illi t-talbiet attriċi huma totalment infondati fid-dritt u fil-fatt u stante illi għall-inċident li seħħ

fl-erbatax ta' April elf disa' mija u disgħa u disgħin (1999) m'humiex responsabbli l-konvenuti eċċipjenti iżda hija responsabbli unikament u esklussivament Maria Vassallo minħabba l-manuvra ażżardata illi hija għamlet meta ġiet biex taqsam it-triq .

2. Illi l-Motor Omnibus tal-konvenut eċċipjenti kienet statika meta ġara l-inċident u kienet l-attriċi li daħlet fih meta kienet qed taqsam it-triq .

3. Illi mingħajr preġudizzju għas-suespost m'humiex veru illi l-attriċi sofriet xi debilita' permanenti per konsegwenza tal-inċident de quo u dan kif jiġi dettaljatament ippruvat waqt it-trattazzjoni tal-kawża .

4. Salvi eċċezzjonijiet oħra fid-dritt u fil-fatt .

Bl-ispejjeż kontra l-attriċi li minn issa qed tiġi nġunta għas-subizzjoni .

Rat id-dikjarazzjoni tal-fatti ta’ l-istess konvenut maħlufa minnu .

Rat id-digriet tagħha tat-30 ta' Jannar 2001 fejn innominat lit-tabib Dottor Antoine Zrinzo bħala espert mediku sabiex, wara li jeżamina lill-attriċi, jirrelata dwar il-kundizzjoni medika tagħha.

Rat ir-rapport ta' l-istess espert mediku ppreżentat fit-28 ta' Gunju 2002 u minnu maħluf fis-7 ta' Mejju 2003 .

Rat id-digriet tagħha tas-6 ta' Marzu 2003 fejn ordnat illi kopja ta' l-atti tal-kawża kriminali fl-ismijiet "Il-Pulizija vs Manwel Spiteri" deċiża mill-Qorti ta' l-Appell Kriminali fis-6 ta' Jannar 2003, tiġi nserita f'dawn l-atti .

Rat il-provi miġbura f'dik il-kawża .

Rat l-atti l-oħra kollha tal-kawża, inklużi l-verbali tax-xhieda mismugħa u d-dokumenti esebiti .

Rat il-verbal tagħha tad-9 ta' Dicembru 2004 fejn il-kawża tħalliet għal-lum għas-sentenza .

Rat in-noti ta' Sottomissjonijiet rispettivi tal-kontendenti .

Ikkunsidrat :
Illi din hija kawża fejn l-atturi qed jitolbu li l-konvenut jiġi dikjarat responsabbli għall-inċident stradali li fih l-attriċi ġiet investita minn xarabank misjuq mill-konvenut . Konsegwentement talbu ukoll il-likwidazzjoni tad-danni kkaġunati lill-attriċi minħabba dan l-inċident u l-kundanna tal-konvenut sabiex iħallas l-ammont hekk likwidat .

PROVI

L-inċident in kwistjoni ġara fi Triq Fortunato Mizzi, Victoria, Għawdex, f'xi 8.30a.m., meta l-attriċi ġiet investita mix-xarabank misjuqa mill-konvenut, waqt illi kienet qed taqsam il-*pedestrian crossing* .

L-unika xhieda okulari ta' dan l-inċident kienu l-istess partijiet involuti u ċioe' l-attriċi u l-konvenut . Mill-okkorrenza redatta mis-surgent tal-Pulizija li nvestigat il-każ,[1] jirriżulta illi *a tempo vergine* Manwel Spiteri qallha illi :

"…. *Bus FBY 017 was being driven along Triq Fortunato Mizzi, Victoria, from the direction of the secondary school, when all of a sudden he saw a pedestrian crossing, but who was looking at the opposite direction . He braked but hit same and was thrown to the ground*."

Maria Vassallo tat is-segwenti versjoni :

"…. *she had left her daughter home to go shopping . She stated that when she arrived on the pedestrian crossing, she stopped, as a vehicle that was being driven on her right side didn't stop . After the vehicle passed, she then proceeded to cross . She stated that she had seen the bus coming from her left hand side, then she looked on*

[1] ara kopja esebita bħala Dok. A. a fol.5 - 7 tal-process .

*her left hand side, and saw the vehicle stopping, and she proceeded to cross when she was hit."*

Sew fid-depożizzjoni tagħhom quddiem il-Qorti ta' l-Appell kriminali, kif ukoll quddiem din il-Qorti, l-kontententi nvoluti f'dan l-inċident stradali, żammew bejn wieħed u ieħor l-istess verżjonijiet . Il-konvenut żied biss illi x'aktarx kienet l-istess konvenuta li baqgħet dieħla ġox-xarabank u mhux li laqatgħa hu . Qal ukoll li kellu l-viżwali tiegħu ostakolata biż-żewġ karozzi li kien hemm ipparkjati fil-ġemb tax-xellug tiegħu .

Mill-iskizz redatt mis-surgent Camilleri[2] jiġi nnotat illi :

1. x-xarabank tidher li kienet ġia nvadiet nofs il-wisgħa ta' l-istrixxa pedonali bil-parti ta' quddiem tagħha ;

2. hemm roqgħa ta' demm 'l barra mill-istess strixxa pedonali għan-nofs tat-triq qrib is-*centre strip* ;

3. jidhru żewġ karozzi pparkjati fuq il-ġemb tax-xellug tat-triq għal min ikun qed jipproċedi mid-direzzjoni tar-Rabat lejn l-Imgarr ;

4. m'hemm l-ebda sinjali ta' *brake marks* .

RESPONSABILITA'

Il-Qorti f'tali ċirkostanzi taqbel ma' dak li jgħidu l-atturi fin-nota ta' l-osservazzjonijiet tagħhom illi hawn tapplika t-teorija tar-*res ispa loquitur*, u dan għaliex l-istess skizz jagħtina indikazzjoni tajba ta' kif ġraw l-affarijiet u għalhekk jinkombi lill-konvenut li jġib provi konvinċenti kuntrarji sabiex jirribatti dak li jidher li ġara . Intqal f'dan ir-rigward illi : "*F'materja ta' traffiku, il-provi jistgħu juru li l-każ ikun wieħed li jaqa' taħt il-prinċipju tar-**res ipsa loquitur** . Għax jista' jkun hemm każi ta' aċċidenti stradali*

[2] dok. B a fol. 8 tal-process .

*fejn ma jkunx hemm bżonn li l-persuna offiża fl-aċċident tipprova li d-driver li kien isuq il-karozza kien attwalment negliġenti, billi n-negliġenza tiegħu tkun tirriżulta mill-istess natura tal-aċċident . Fi kliem ieħor, il-kwerelant jista' jipprova fatti li fihom infushom ma jistabilixxux li d-driver effettivament kien negliġenti, imma li minnhom il-liġi tassumi li l-offiż ipprova biżżejjed il-ħtija tad-driver, u dan ikun f'pożizzjoni li jkollu każ prima facie pruvat kontra tiegħu; u jekk ma jinnewtralizzax dawn il-provi, il-kwistjoni tiġi deċiża kontra tiegħu."* [3]

Fil-każ in eżami għandna vettura li tidher illi invadiet l-istrixxa pedonali sa nofs il-wisgħa tagħha . Dak il-ħin kienet qegħda taqsam l-attriċi minn fuq l-istess strixxa pedonali . Kienet waslet kważi sa nofs it-triq x'ħin ittajret mix-xarabank misjuqa mill-konvenut . Żgur li ma kienx hemm xi sewqan eċċessiv, għax il-konsegwenzi kienu jkunu ferm aktar koroh għall-attriċi .

Il-konvenut jipprova jiskolpixxi ruħħ billi jgħid illi lill-attriċi ma rahiex, billi qasmitlu minn quddiem il-karozzi li kien hemm ipparkjati fuq il-ġemb tat-triq, u billi jallega illi l-attriċi kienet qed tħares lejn in-naħa l-oħra tat-triq, u ċioe' lejn ix-xellug tagħha b'tali mod illi ma ndunatx fil-ħin li kienet ġejja x-xarabank .

Jidher madankollu illi l-konvenut ma kienx qed iżomm *a proper look out* u ta' l-inqas kien momentarjament aljenat . La kien qed javviċina strixxa pedonali f'parti daqstant traffikuża ta' l-arterja prinċipali ta' Għawdex, kien messu żamm attenzjoni akbar, u jesplora tajjeb it-triq ħalli jara kienx hemm xi *pedestrians* li riedu jaqsmu . Kieku għamel hekk żgur ma kienx ser jonqos li jilmaħ lill-attriċi qed tibda taqsam . Mill-pożizzjoni tiegħu fid-*driver's seat* ta' vettura għolja bħal ma hija xarabank, ċertament il-karozzi pparkjati fil-ġemb tat-triq ma setgħu kienu ta' ebda ostakolu għall-viżwali tiegħu . Il-fatt li l-attriċi kienet ġia waslet sa kważi nofs it-triq ukoll jimmilita kontra l-konvenut, għax jindika illi ma kienx il-każ li din qabdet u

[3] Prim'Awla : Spiteri vs Spiteri kollez. XLI. II. 1123 ; u Pulizija vs Capt. Arther Gera : 13.12.1958 citati mill-atturi fin-Nota ta' l-Osservazzjonijiet tagħhom .

qasmitlu u sab ruħu rinfaċċjat b'emerġenza subitanea li ma ppermettitlux jikkontrolla l-vettura tiegħu fil-ħin . Kieku kien attent biżżejjed kellu kull opportunita' jara dak illi kien *in plain view .*

Minn naħa l-oħra ma tista' tiġi mputata ebda ħtija lill-attriċi . Din marret biex taqsam it-triq preċiżament mill-post indikat għall-*pedestrians .* Stenniet proprju l-mument opportun biex taqsam . Infatti qabel ma bdiet taqsam, stenniet li tilħaq tgħaddi karozza li ma waqfitilhiex . Lix-xarabank ratha ġejja wkoll, imma kienet qegħda twaqqaf .

Il-problema kienet li l-konvenut ma laħaqx raha kmieni biżżejjed biex jilħaq jieqaf fil-ħin ħalli ma jolqothiex . Jirriżulta għalhekk illi għal dan l-inċident stradali jaħti unikament il-konvenut .

LIKWIDAZZJONI TA' DANNI

Fil-liġi tagħna l-likwidazzjoni tad-danni hija regolata bl-artikolu 1045 tal-Kodiċi Ċivili . Kif ġie osservat mill-Qrati tagħna, f'din il-materja ma hemmx regoli fissi u nflessibbli, ma hemmx *quantitative scale* tad-danni, għax kollox jiddependi miċ-ċirkostanzi partikolari tal-każ . Is-somma tad-danni hi rimessa għall-arbitriju prudenzjali tal-Qorti, fil-limiti stabbiliti mil-liġi[4] . Fl-eżerċizzju ta' din id-diskrezzjoni tagħha, il-Qorti qabel ma tasal biex tiffissa l-ammont, għandha tħares lejn iċ-ċirkostanzi molteplici, u tista' ukoll utilment tużgħa bħala *tests* biex tikkontrolla ċ-ċifra finali, id-diversi modi ta' kompitu suġġerit mill-ġurisprudenza estera f'dan ir-rigward, mingħajr ma tivvinkola ruħha b'xi wieħed minnhom partikolari, sabiex b'dan il-mod ikun dejjem hemm ċerta elastiċita' ta' kriterju adattabbli għall-partikolaritajiet ta' kull fattispecie[5] .

Skond il-liġi tagħna l-likwidazzjoni tad-danni tinqasam f'żewġ aspetti : id-danni attwali (*damnum emergens*) u t-telf ta' qliegħ futur (*lucrum cessans*) .

---

[4] Savona vs Asphar : Appell : 23.6.1952 .
[5] Carmelo Fenech vs Antonio Galea ; vol. XL. I. 73 ; Francis Galea vs. Bartolomeo Grech; vol. XLII. II. 1019 .

A. **Damnum Emergens :**

Dawn normalment huma d-danni attwali u effettivi sofferti mid-danneġġjat u mhux soltu jagħtu lok għal kontroversja . Fil-każ preżenti, l-ispejjeż inkorsi mill-attriċi jikkonsistu prinċipalment fi spejjeż mediċinali u visti għand tobba u speċjalisti . Fin-nota tagħha tal-15 ta' Mejju 2003 l-attriċi ppreżentat ħmistax-il irċevuta dwar spejjeż inkorsi minnha in konnessjoni ma' dan l-inċident, f'ammont totali ta' mija sitta u sebgħin lira maltija u disa' u erbgħin ċenteżmu (Lm176.49)[6] . Ma jidhirx illi hemm xi kontestazzjoni dwar dawn l-ispejjeż u għalhekk huma kollha ripetibbli .

B. **Lucrum Cessan**s : Dwar il-metodu kif jiġi komputat dan it-telf futur, ma hemm l-ebda regola fissa u l-Qrati tagħna adottaw diversi kriterji . Kif intqal pjuttost reċentement mill-Qorti ta' l-Appell : "*Jingħad illi l-Qrati tagħna fil-pronunċjament tagħhom dwar kriterji li għandhom jintużaw biex jagħmlu tajjeb għall-inċertezzi ta' likwidazzjoni ta' danni li f'każijiet simili dejjem jagħtu lok għalihom, qatt ma rrinuzjaw għall-fakolta' diskrezzjonali tagħhom ….. Diversi drabi l-Qrati tagħna segwew il-prinċipji enunċjati fil-kawża 'Butler v. Heard'.*[7]

Imma kif ġie enfasiżżat f'sentenza oħra ta' dik il-Qorti, ċċitata favorevolment fis-sentenza tagħha f'dik il-kawża :

*"Il-Qorti tara li fil-ġurisprudenza tagħna ġie kemm-il darba misħuq li minkejja ċerti prinċipji li jirriżultaw mill-ġurisprudenza, dejjem għandu jkun hemm ċertu elastiċita' ta' kriterji billi l-pronunzjament fil-likwidazzjoni in kwistjoni huwa wieħed ta' probabilita' . Inoltre, id-danneġġjat jingħata somma kapitali darba waħda biss, li meta tingħata b'sentenza m'hijiex aktar soġġetta għal ebda reviżjoni . Għalhekk din is-somma kapitali trid tkun tikkorrispondi kemm jista' jkun mar-rejalta'.*[8]

---

[6] Dokti. MV1 sa MV 15 a fol. 36 - 39 tal-process .
[7] Carmelo sive Charles Micallef et vs Richard Spiteri et: Appell : 15.1.2002 .
[8] Francis Sultana vs. John Micallef et noe.et : Appell : 20.7.1994 .

Għal numru ta' snin il-Qrati tagħna fil-maġġjor parti tal-każi segwew rigorożament il-metodu stabilt għall-ewwel darba fil-kawża "**Butler vs Heard**" . Din il-kawża tagħat oriġini għal dak li jissejjah il-***multiplier system*** li fiha l-perċentwali tad-debilita' u l-qliegħ annwali tal-korrut jiġu moltiplikati bis-snin tal-ħajja lavorattiva bażata fuq il-*life expectancy* tiegħu miżjud b'perċentwali biex tagħmel tajjeb għall-inflazzjoni u żiediet fil-pagi, u b'riduzzjoni ta' ċertu ammont minħabba l-*lump sum payment* . F'dawn l-aħħar snin pero' dan il-metodu ta' kalkolazzjoni ġie modifikat sabiex ikun iktar rejalistiku u jieħu konsiderazzjoni aħjar taċ-ċirkostanzi taż-żmenijiet attwali.[9]

Meta seħħ l-inċident mertu ta' din il-kawża l-attriċi kellha disgħa u ħamsin (59) sena u kienet mara tad-dar . Tgħid li għandha r-raġel marid bid-diabete, u peress illi huwa għami u saqajh ġew amputati jenħtieġ kura kontinwa . Kemm ilu li ġara dan il-każ pero' kellha titlob l-għajnuna ta' familjari tagħha u anke qed iġġib *nurse* jikkura lil żewġha, għax hi m'għadiex kapaċi tikkurah bħal ma kienet qabel l-istess inċident[10] .

Skond ġurisprudenza reċenti ġie rikonoxxut id-dritt tal-mara tad-dar ukoll għal-*lucrum cessans*,[11] u dan anke fejn il-mara tkun qabżet l-eta' tal-pensjoni[12] . Ix-xogħol tad-dar ukoll għandu valur ekonomiku u l-kontribut li tagħti mara tad-dar lill-ekonomija domestika m'għandux jitqies li hu inqas minn dak li jagħti r-raġel, u għalhekk għandu jitqies li jiswa mhux inqas mill-paga minima nazzjonali[13] li llum hija ta' medja ta' erbgħa u ħamsin lira maltija (Lm54) fil-gimgħa . Fiċ-ċirkostanzi partikolari tal-każ, il-Qorti

---

[9] Emanuel Mizzi vs Carmel.Attard : sentenza ta' din I-Qorti tat-13.5.2003 .
[10] ara affidavit ta' l-attrici a fol. 42, u dak ta' bintha Romina Sare' a fol. 43 .
[11] Appell : Carmelo Zammit et noe et vs George Bezzina et noe. 19.9.1973 ; Nazzareno Apap pro et noe et vs Francis Degiorgio 16.1.1984 .
[12] Prim' Awla: Jospeh Cini vs George Wells : 29.5.2001; Saviour Sammut vs Robert Demanuele: 12.7.2002
[13] Prim'Awla : John Bugeja pro et noe vs Carmelo Spiteri : 30.11.2001 .

jidhrilha illi *muliplier* ta' ghaxar (10) snin għandu jkun adegwat . .[14]

L-espert mediku stabilixxa li l-perċentwali ta' diżabilita' permanenti kienet ta' ħmistax fil-mija (15%)[15] . Il-konvenut jipprova jiskredita dan ir-riżultat ta' l-espert inkarigat mill-Qorti billi jallega illi diversi drabi ra l-attriċi għaddejja fit-triq akkumpanjata minn xi ħadd u ma kienx jidher li kellha ebda debilita' . Żgur pero' illi ma jispettax lill-konvenut li jiddeċidi dwar dan, u l-Qorti ma tara ebda raġuni għaliex m'għandhiex toqgħod fuq l-espert tagħha li ċertament huwa ferm aktar kwalifikat mill-konvenut jew ix-xhieda minnu prodotti sabiex jagħmel ġudizzju fuq l-istat ta' saħħa ta' l-attriċi .

L-attriċi tippretendi wkoll somma ulterjuri sabiex tagħmel tajjeb għall-ispejjeż żejda li kellha tinkorri għall-kura ta' żewġha u fix-xoghol tad-dar . Apparti l-fatt illi l-attriċi ma pproduċiet ebda riċevuti dwar xi ħlasijiet illi hija tista' qed tagħmel f'dan ir-rigward, il-Qorti tħoss illi l-ammont li ser jiġi mogħti skond il-kalkoli hawn fuq magħmula, għandu jikkomprendi kwalunkwe spejjeż żejda inkorsi mill-attriċi minħabba d-debilita' tagħha .

Skond il-ġurisprudenza kostanti, minħabba l-*lump sum payment*,(u hawn mhux il-każ li l-attriċi ilha tistenna ħafna snin biex tinqata' s-sentenza), għandu jitnaqqas kwint (1/5) . Peress illi l-kalkoli qed jinħadmu fuq paga ta' llum, irid jingħata kumpens xieraq ukoll biex jagħmel tajjeb għar-rata ta' inflazzjoni . Normalment din tkun ta' għoxrin fil-mija (20%). Għalhekk l-ammont dovut irid jinħadem hekk : Lm54 x 52 = Lm2808 (paga bażi) x 10 (snin ta' ħajja lavorattiva) x 15% (perċentwali ta' debilita' permanenti) x 80% (minħabba l-*lump sum payment*) x 120% (għaż-żieda fl-inflazzjoni) = Lm4043.52 .

RI-EPILOGU

[14] Prim'Awla : Sylvia Rosso vs Etienne Galea : 3.4.2003 .
[15] ara rapport peritali 23 - 24 tal-process .

Għaldaqstant l-ammont totali pagabbli lill-atturi in linea ta' danni kkaġunati per konsegwenza ta' l-inċident mertu ta' din il-kawża, huma s-segwenti :

1. Damnum emergens : Lm 176.49 ;
2. Lucrum Cessans : Lm4043.52

- Total ta' : Lm4220.01.

Għal dawn il-motivi tiddeċidi l-kawża billi, tilqa' t-talbiet attriċi u :

1. tiddikjara lill-konvenut unikament responsabbli għall-inċidenti mertu tal-kawża ;

2. tillikwida d-danni sofferti mill-attriċi minħabba fl-istess inċidenti, fl-ammont ta' erbat elef, mitejn u għoxrin lira maltija (Lm4220) ; u

3. tikkundanna lill-istess konvenut iħallas l-ammont hekk likwidat lill-atturi .

Bl-ispejjeż, inklużi dawk ta' l-ittra uffiċċjali spedita fil-11 ta' Mejju 1999, kontra l-istess konvenut .

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------